MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1525/2003

**Untours Insurance Agents Ltd. ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Emmanuel Ellul u l-istess Emmanuel Ellul**

**vs**

**Brian Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm343.29) rappresentanti danni subiti mill-atturi f'incident stradali li sehh gewwa Bir id-Deheb fl-10 ta' Mejju 2003 bejn il-vettura Peugeot numru DBI 348, misjuqa mill-attur u vettura tal-marka Toyota numru DBB 401 misjuqa mill-konvenut, u dana wara dikjarazzjoni illi ghal dan l-incident stradali kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 tal-konsult u dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm343.29), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------